# Ġ 4.1 IL-GŻEJJER MALTIN



**Ġ4.1.3**

Nesploraw il-pożizzjoni ġeografika ta' xi bliet u rħula Maltin u Għawxin.

## A. Immarka t-tajbin:



1. Ir-ritratt tal-lemin juri biċ-ċar illi l-Mellieħa hija raħal mibni
   - ġo wied.
   - fuq għolja.
   - fil-baħar.

2. Immarka żewġt ibliet antiki li huma wkoll mibnija fuq għolja
   - Mdina
   - Birgu
   - Mqabba
   - Mosta
   - Qrendi
   - Victoria

3. Belt oħra antika, imma did-darba mibnija fil-baxx u qrib il-baħar hija
   - iċ-Ċirkewwa.
   - il-Birgu.
   - is-Siġġiewi.

4. Lokalità moderna, li żviluppat ħafna f'dawn l-aħħar 20 sena, u li nsibu qrib il-baħar hija
   - Il-Mosta
   - Il-Gudja
   - Bugibba

5. Lokalità li nsibu mibnija fil-baxx kif ukoll qrib il-baħar hija
   - Marsaxlokk.
   - ir-Rabat Malta.
   - Victoria.

6. Lokalità f'Għawdex qrib il-baħar fejn insibu bajja bir-ramel, bosta ristoranti u ħwienet għat-turisti, kif ukoll numru ta' sajjieda, hija
   - Marsalforn.
   - Victoria.
   - is-Sannat.

7. Raħal fejn insibu ħafna pjanuri, għelieqi fertili u anke bosta barrieri minn fejn jinqata' l-ġebel, huwa
   - Marsaxlokk.
   - Buġibba.
   - is-Siġġiewi.



**B. Aħseb, imbagħad wieġeb dawn.**

1. Fir-ritratt jidhru parti mis-swar tal-belt qadima tal-Imdina. Għaliex l-Imdina nbniet 'il bogħod mill-baħar, inbniet fuq għolja u ġiet imdawra bis-swar?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Fejn tixtieq li tkun toqgħod, raħal jew belt mibnija fuq għolja bħall-Imdina, jew post fil-baxx bħas-Siġġiewi? Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi vantaġġ u żvantaġġ li jkollok jekk tkun toqgħod xi lokalità turistika bħal Buġibba:

a) il-vantaġġ:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

b) l-iżvantaġġ:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________